MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 344/2005

**APS Bank Limited**

**vs**

**Anthony Bonnici u martu Carmen Bonnici**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-31 ta' Jannar 2005 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati hallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett mija hamsa u disghin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm395.60) dovuta kwantu ghal tlett mija tmienja u sebghin Lira Maltin u tletin centezmu (Lm378.30) bilanc ta' debitu ta' *loan account* numru 12761532011 (Dok A) kif ukoll kwantu ghal sabtax il-Lira Maltin u tletin centezmu (Lm17.30), bilanc ta' debitu ta' *interest disposal account* numru 20000179050 (Dok. B) u dana oltre l-imghax ulterjuri b'effett mil-31 ta' Dicembru 2004.

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu din is-somma izda baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant il-konvenuti *in solidum* bejniethom ghandhom jigu ikkundannati ihallsu lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' tlett mija hamsa u disghin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm395.60) kif ukoll l-imghax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2004 sad-data tal-hlas effettiv u l-ispejjez u d-drittijiet ta' dawn il-proceduri kontra l-konvenuti in solidum mil-lum ingunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu in solidum bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija hamsa u disghin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm395.60), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------